DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2011

li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u Malta

(2011/C 208/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 stabbilixxa l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali.

(2) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010 [2] u tas-7 ta' Marzu 2011 [3], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perijodu mill-20 ta' Ottubru 2010 sad-19 ta' Ottubru 2015, bl-eċċezzjoni ta' ċerti membri u membri supplenti.

(3) Il-Gvernijiet tal-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u Malta ppreżentaw nomini għal numru ta' postijiet li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u Malta għall-perijodu li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2015:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

Pajjiż	Membri	Supplenti
Italja	Is-Sinjura Maria Grazia CATALDI	Is-Sur Marco Giovanni MARINO
Ungerija	Is-Sinjura Réka KOVÁCS	Is-Sinjura Zsófia TÓTH
Malta	Is-Sur Mark MUSU'	Is-Sinjura Karen DEMICOLI

II. RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

Pajjiż	Membri	Supplenti
Greċja	Is-Sur Evaggelos MOUTAFIS	Is-Sur Nikos KOSTOPOULOS
Italja	Is-Sur Claudio SORRENTINO	Is-Sur Michele ZERILLO
Ungerija	Is-Sinjura Emese MOLNÁR	Is-Sur Péter SZABÓ

III. RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

Pajjiż	Membri	Supplenti
Greċja	Is-Sur Lambros PAPAIOANNOU	Is-Sinjura Rena BARDANI
Italja	Is-Sinjura Paola ASTORRI	Is-Sur Paolo RAVAGLI
Lussemburgu	Is-Sur François ENGELS	Is-Sinjura Nathalie WAGNER
Ungerija	Is-Sinjura Terézia BOROSNÉ BARTHA	Is-Sur István KOMORÓCZKI

Artikolu 2

Il-Kunsill ser jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx nominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 05, Vol 05, p. 72).
[2] ĠU C 290, 27.10.2010, p. 5.
[3] ĠU C 83, 17.3.2011, p. 3.